MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 211/2002/1

Kawza fil-lista: 69

**W T**
**vs**
**X T**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lil partijiet jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni b' digriet moghti fil-14/11/00 li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat Dok. JP;

Peress li l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibli, u dan minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur zewgha;

Peress li fost dawn ir-ragunijiet hemm l-abbandun u l-allontanament mid-dar matrimonjali da parti tal-konvenuta X T u li l-hajja matrimonjali tal-kontendenti tkissret irrevokabilment u irrimedjabilment;

Peress illi minkejja li l-attur ghamel hafna tentattivi sabiex jipprova jerga’ jinghaqad mal-konvenuta fil-hajja mizzewga dawn it-tentattivi ma swew ghal xejn;

Peress illi dan l-agir tal-konvenuta mhux biss irrenda l-hajja konjugali impossibli imma wassal lill-attur biex jaqa’ f’ dipressjoni mentali;

Peress li minn dan iz-zwieg twieldet tifla minuri D T;

Peress li r-ragunijiet moghtija mill-konvenuta ghat-tifrik taz-zwieg, migjuba quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u cjoe’ sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti ta’ l-attur huma vessatorji, inveritjeri u qatt ma gew pruvati quddiem dik l-Onorabbli Qorti;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilha;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attur u nofs lill-konvenuta;

3. Tikkomina kontra l-istess konvenuta l-provvedimenti ta’ l-artikolu 48 u l-artikoli 50 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri D T lill-attur;

5. Tassenja d-dar konjugali lill-attur taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li:

1. Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta mit-trattazzjoni stante li hi mhiex hatja tal-akkuza addebitati kontriha u z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba tort unikament tal-attur.

2. Illi hemm qbil biss li ikun hemm dikjarazzjoni ta’ separazzjoni bejn il-partijiet.

3. Illi hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-porzjonijiet divizi f’ oqsma ugwali bejn il-partijiet.

4. Illi gjaladarba l-eccipjenti mhiex hatja tat-tortijiet allegati, m’ ghandha tbati minn ebda piena jew penali u ghalhekk it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda.

5. Illi mhux fl-ahjar interess tal-minuri li tigi fdata lill-attur kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, u ghalhekk anke ir-raba’ talba ghandha tkun michuda;

6. Illi d-dar konjugali kienet mikrija miz-ziju tal-eccipjenti u hija minnha okkupata filwaqt li l-proprjeta’ immobbli li nxtrat fiz-zwieg qatt ma giet okkupata mill-attur u ghalhekk anke il-hames talba ghandha tigi michuda.

7. Illi ghalhekk il-konvenuta m’ ghandhiex tbati spejjez ta’ din il-kawza.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b’ riserva ghall-kontro talba li l-eccipjenti qed tipprezenta kontestwalment mal-presenti nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonanti, li permezz taghha, wara li ppremettiet li "il-hajja mizzewwga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-intimat kontriha, u minhabba li tkissret irrevokabilment"; talbet is-separazzjoni personali ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni; kopja tal-kontro-talba qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][1];

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat, li biha l-attur cahad it-tortijiet imputati lilu mill-konvenuta;

Rat ir-rapporti tal-periti teknici, l-AIC Mario Cassar[2] u l-AIC W Ellul Vincenti[3];

Rat ir-rapport[4] tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia;

Rat li f' certu stadju l-prosegwiment tal-kawza gie sospiz, pendenti decizjoni dwar il-kawzi ta' annullament, kemm civili, kif ukoll dik quddiem it-tribunali ekklezjastici;

Rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fis-17 Awissu 2011 li permezz tieghu nghataw effett civili d-decizjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta tad-29 April 2009 li ddikjarat null iz-zwieg bejn il-partijiet, konfermata bid-digriet tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tat-12 Gunju 2010;[5]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Vol.1 – fols.16 - 20
[2] Vol1. – fol.260
[3] Vol.1 – fol.306
[4] Vol.3 – fol.726 *et seq.*
[5] Cit.398/05 – Nota prezentata fl-14 Settembru 2011

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri iodjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibli, bi htija reciproka; l-attur jimputa htija lill-konvenuta ghal ragunijiet kontemplati fil-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16, filwaqt li l-konvenuta tattribwixxi t-tort lill-attur in bazi ghall-artikolu 40 fuq citat. Huma qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Iz-zewg partijiet cahdu dak imputat lilhom mill-parti l-ohra.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-14 Mejju 1988, u minn dan iz-zwieg fit-18 Marzu 1993 twieldet tifla li llum hija maggjorenni.

Illi fil-mori tal-proceduri odjerni z-zwieg bejn il-partijiet gie annullat mit-tribunali ekklezjastici, u permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili d-decizjonijiet tat-tribunali gew registrati u ghalhekk inghataw effett civili; ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar it-talba ghas-separazzjoni personali, stante li z-zwieg gie annullat.

**Kura u Kustodja**
Illum dan il-kap jinsab sorvolat peress li t-tifla D saret maggjorenni.

**Manteniment**
Illi l-Qorti tosserva li, ma gietx prezentata kopja tad-decizjonijiet tat-tribunal ekklezjastici, u ghalhekk mhijiex fil-pozizzjoni li tippronunzja ruhha dwar l-applikabilita' o meno ta' l-artikolu 20[5] tal-Kap.255 li jitratta dwar hlas ta' manteniment ghal zmien hames snin, jew anqas, da parti tal-parti responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg.

Izda fil-kaz li jirrizulta li z-zwieg gie annullat bi htija unika tal-attur, allura dana ghandu jhallas lill-konvenuta, is-somma mensili ta' €303 [ekwivalenti ghal LM130] ghal perijodu ta' hames snin li gejjin dekorrabbli mid-data tas-17 Awissu 2011, liema manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur u jintbaghat lill-konvenuta. Dan l-obbligu jieqaf fic-cirkostanza kontemplata fl-artikolu precitat.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u ghall-konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-rapport taghha, u taddottahom fl-intier taghhom, salv ghal dak li ser jinghad dwar l-ispejjez tat-tieg. Kopja tal-pagni relevanti qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B][6]

Konformament din il-Qorti tiddikjara u tordna hekk:

[1] li tiddikjara li l-inkwilinat ta' l-appartament numru tlieta [3] Tondya Flats, Viani Street, Msida huwa parafernali tal-konvenuta; u din il-Qorti qed taghti d-dritt lill-istess konvenuta sabiex tabita f' dan il-fond ad eskluzjoni tal-attur li qed jigi ordnat jivvaka mill-istess fi zmien tlett gimghat.

[2] li tiddikjara li l-fond Plot 275 Triq Ferdinand Grech, Pembroke, valutat fl-ammont ta' €221,290 [ekwivalenti ghal LM95,000], jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti; u ghalhekk tordna li dan jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont u; fin-nuqqas, jinbigh taht l-awtorita' tal-Qorti, skont il-ligi; u r-rikavat, wara li jithallsu minnu d-djun relattivi ghall-istess fond, indikati fir-rapport tal-perit legali fis-sezzjoni ntestata "Dejn tal-Komunjoni", jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet. L-attur qed jinghata d-dritt ta' precedenza ghax-xiri ta' l-istess fond bil-prezz offrut lill-partijiet.

[6] Vol.3 – fols.726 sa 735 [pagni 17 sa 735]

[3] li l-ispejjez tat-tieg, ammontanti ghas-somma ta’ LM1,231 [illum €2,867] ghandhom jigu rifuzi lill-attur mill-konvenuta in kwantu ghal nofshom.

**Parafernali**
Illi l-attur ghandu kreditu parafernali fl-ammont ta’ LM19,416 [illum €45,227], u ghalhekk il-konvenuta ghandha tghaddi lilu din is-somma nieqes l-ammont ta’ LM1,986 [illum €4,626].

Il-Qorti tikkonferma u taddotta wkoll il-bqija tar-relazzjoni peritali kontenuti fil-pagni fuq indikati.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-proceduri odjerni;
[2] tilqa’ t-tieni talba, u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba, stante li t-tifla llum hija maggjorenni;
[5] tichad il-hames talba;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, ghar-raguni fuq indikata;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, ghar-raguni fuq indikata;
[3] tichad it-tielet talba in kwantu ghat-tifla, filwaqt li tilqaghha in kwantu ghall-manteniment ghall-konvenuta, limitatament u fit-termini ta’ dak kontenut fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ r-raba talba fis-sens gja fuq deciz;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa’ is-sitt talba, filwaqt li tordna li fi zmien tlett gimghat, l-attur jallontana ruhu mill-fond appartament numru tlieta [3] Tondya Flats, Vijani Street, Sliema.

L-ispejjez tal-esperti jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------